MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 123/2004

**Anthony Camilleri**

**vs**

**Victor Camilleri**

Il-Qorti,

**Mandat – Meta l-mandatarju jaghmel atti barra mil-limiti tas-setghat li jkun inghata (Artikolu 1880[2] tal-Kodici Civili)**.

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-3 ta' Dicembru 2004 li permezz taghha l-attur ippremetta li:-

B'kuntratt pubblikat min-Nutar Paul George Pisani fid-dsatax (19) ta' Frar elf disa mija sitta u disghin (1996), il-konvenut akkwista b'titolu ta' donazzjoni minghand ommu Loreta armla Camilleri, fost ohrajn fil-vesti taghha ta'

mandatarja tal-attur u ta' huh l-iehor Alfred Camilleri il-kwota spettanti lill-attur u lil Alfred Camilleri, u cjoe' dodecesima parti (1/12) kull wiehed mill-fond numru sitta u sebghin (76), Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex – b'valur attribwit mill-partijiet lil kull kwota indiviza hekk trasferita ta' sitt mija u tmenin lira maltija (Lm680) – cjoe' elf tlett mija u sittin lira maltija (Lm1360) ghal zewg partijiet minn tnax (2/12) indivizi mill-post.

L-attur u huh Alfred Camilleri qatt ma taw l-kunsens taghhom ghal dan it-trasferiment, qatt ma gew infurmati b'dan it-trasferiment la minn min kien qed jagixxi suppost bhala prokuratur taghhom u lanqas mill-akkwirent, huh.

Fl-ewwel lok, il-prokura utilizzata mill-imsemmija Loreta Camilleri ghal dan il-kuntratt kienet qabel xejn inghatat mill-attur u minn huh suppost limitatament sabiex vettura illi kienet registrata f'isem missierhom George Camilleri tigi registrata f'isem il-konvenut u ghalhekk qatt ma kienet intiza ghal trasferiment ta' immobbli.

Fit-tieni lok, dik il-prokura kif effettivamet redatta ma kienet taghti ebda awtorita' lil Loreta Camilleri tittrasferixxi il-propjeta' immobiljari spettanti lill-mandati taghha b'titolu gratuwitu – ghaliex anke jekk wiehed jinterpreta dik il-prokura fl-aktar sens lat u wiesa' possibbli, dik kienet limitata ghal trasferimenti b'titoli oneruz.

L-attur sar jaf b'dan il-kuntratt biss matul l-ahhar ftit xhur tas-sena 2003, meta l-ahwa gew sabiex suppost jaqsmu l-assi ereditarji tal-genituri taghhom.

Minn dan kollu jirrizulta illi l-att ta' trasferiment fuq imsemmi sar minghajr il-kunsens tal-attur u huh Alfred Camilleri u bi frodi ghad-drittijiet taghhom, frodi adoperata konxjozament mill-akkwirenti, u ghalhekk dak il-kuntratt huwa null ghaliex nieqes mill-elementi u kondizzjonijiet essenzjali ghall-validita' tieghu fit-termini tal-artikolu 1212 tal-Kodici Civili.

Peress illi Alfred Camilleri miet, u skond it-testment tieghu huwa halla lill-attur bhala eredi universali tieghu, l-attur

akkwista wkoll id-drittijiet kollha gia spettanti lil Alfred Camilleri illi jagixxi sabiex jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi.

Ghalhekk l-attur talab lil din il-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara l-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tad-dsatax (19) ta' Frar elf disa mija sitta u disghin (1996) li bih inti Victor Camilleri akkwistajt b'titolu ta' donazzjoni is-sehem komplessiv ta' zewg partijiet minn tnax (2/12) indivizi gia spettanti lill-attur u lil hukom l-iehor Alfred Camilleri mill-fond sitta u sebghin (76), Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex null u bla ebda effett ghaliex ma kienx jezisti il-kunsens ta' Anthony Camilleri u Alfred Camilleri ghal dak it-trasferiment u ghaliex l-att gie ppubblikat bi frodi tad-drittijiet tal-istess Anthony Camilleri u Alfred Camilleri.
2. Konsegwentement tordna ir-rexissjoni tal-imsemmi kuntratt limitatament ghal dak illi jirrigwarda dawn iz-zewg kwoti.

3. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att ta' rexissjoni fil-jum hin u lok illi jigu ghalhekk iffissati minn din l-istess Qorti, bl-intervent ta' kuraturi nominandi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq dan l-istess att.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet (fol. 21) prezentata minn Victor Camilleri fis-17 ta' Jannar 2005 fejn eccepixxa illi:-

1. Il-preskrizzjoni ta' sentejn (2) a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili.

2. Fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghal premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt peress illi m'huwiex minnu li l-istess Anthony Camilleri u Alfred Camilleri ma tawx il-kunsens taghhom ghal dan it-trasferiment kif ukoll lanqas ma huwa minnu illi l-att tad-19 ta' Frar 1996 (atti Nutar Paul George Pisani) kien gie ppubblikat bi frodi tad-drittijiet tal-istess Anthony Camilleri.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha nkluz in-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Il-kawza tittratta dwar kuntratt ta’ donazzjoni li sar fid-19 ta’ Frar 1996 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani (fol. 5) u li permezz tieghu Loreta Camilleri ghan-nom ta’ Alfred, Anton, Carmel, Josephine, Angelo, Rita Azzopardi, Judith, Maria Assunta Bondin, George, u David ahwa Camilleri ttrasferiet lill-konvenut Victor Camilleri hamsa minn tnax-il parti (5/12) indivizi mill-fond 76, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex.

L-attur isostni li t-trasferiment li ghamlet Loreta Camilleri, ghan-nom tieghu u ta’ huh Alfred Camilleri, m’huwiex validu in kwantu ma kenitx inghatat l-awtorita’ li tittrasferixxi sehemhom b’titolu ta’ donazzjoni.

Fil-qosor il-fatti huma:-

a. Il-fond 76, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn George u Loreta konjugi Camilleri.
b. Il-konjugi Camilleri kellhom tnax ulied.
c. George Camilleri miet fil-15 ta’ Dicembru 1994.
d. Permezz ta’ kuntratt li sar fl-20 ta’ Lulju 1995, Loreta Camilleri ttrasferiet sehemha mill-fond 76, Triq il-Knisja, Xaghra, Ghawdex lill-konvenut (fol. 183 a tergo).
e. Fl-ahhar ta’ Jannar 1996, l-attur u huh Alfred Camilleri kienu ffirmaw prokura (fol. 13) favur ommhom. Prokura li hi *standard form* u li tinxtara minghand *stationer* lokali.
f. Fid-19 ta’ Frar 1996 gie ppubblikat il-kuntratt ta’ donazzjoni. It-trasferiment ta’ kwalsiasi sehem li seta’ kellhom Alfred u Anthony ahwa Camilleri fl-imsemmi fond, saret permezz tal-imsemmija prokura. Tant hu hekk li fil-kopja esebita jinghad li d-dokument hu anness mal-att tad-19 ta’ Frar 1996 pubblikat min-nutar Paul George Pisani. Fil-parti tal-provenjenza jinghad li d-donanti akkwistaw s-sehem li kienu qeghdin jittrasferixxu, mill-wirt

ta' missierhom George Camilleri li miet fil-15 ta' Dicembru 1994.
g. Alfred Camilleri miet fl-20 ta' Ottubru 1998 (fol. 15) u l-attur hu werriet tieghu (fol. 16).
h. Loreta Camilleri mietet fil-15 ta' Dicembru 2002 (fol. 193).

2. Fl-ewwel lok il-konvenut jsostni li l-azzjoni tal-atturi hi preskritta skond l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili, li tipprovdi li azzjoni ghar-rexxissjoni ta' kuntratt minhabba, vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' eta, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn. Terminu li japplika wkoll f'kaz ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni minghajr kawza jew maghmula fuq kawza falza.

L-attur m'huwiex jitlob rexxissjoni ta' kuntratt minhabba vizzju tal-kunsens, jew minhabba li l-obbligazzjoni hi minghajr kawza jew maghmula fuq kawza falza. L-attur qieghed jippretendi li l-mandatarja (Loreta Camilleri) ma kenitx inghatat il-jedd li tittrasferixxi proprjeta' b'titolu gratuwitu, u t-trasferiment li ghamlet ma jorbtux. Skond:-

- **L-Artikolu 1864** tal-Kodici Civili: *"il-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat."*; u
- **L-Artikolu 1880(2)** tal-Kodici Civili: *"Hu (il-mandant) mhux obbligat ghal dak li l-mandatarju jkun ghamel barra mil-limiti ta' dawk is-setghat, hlief jekk hu jkun irratifika espressament jew tacitament dak l-eghmil."*.

Ghalhekk l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili ma japplikax.

Fil-kawza **Caterina Schembri et vs Gaudenzja Cachia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju 1975, gie osservat:

*"Meta mandatarju jagixxi bhala tali, cioe' f'isem il-mandant, u fl-esekuzzjoni tal-mandat jeccedi l-poteri lilu konferiti, huwa ma jobbligax lill-mandat hlief jekk dan espressament jew tacitament jirratifika l-operat tal-*

*mandatarju (art. 1982 Kod. Civ. Korrispondenti ghall-art. 1752 Kod. Civ. Taljan). Il-mandant f'dan il-kaz ma huwiex tenut jirrikonoxxi l-kuntratt bhala vinkolanti ghalih, ghaliex, kif jghid Tartufari, Della Rapprezentanza nella Conclusione dei Contratti, p. 377 para 326: 'Gli atti o i contratti che il rappresentante concluda fuori dei limiti delle sue facolta' sono di regola, qaunto al rappresentato, giuridicamente nulli e inefficaci, siccome quelli in cui il difetto del piu' essenziale fra i presupposti della rappresentanza toglie per se stesso ed esclude la possibilita' di ogni vincolo o nesso giuridico fra lui ed i terzi.'"*.

3. Il-konvenut argumenta li Loreta Camilleri kellha l-poter li tittrasferixxi b'titolu ta' donazzjoni s-sehem tal-ahwa fil-fond in kwistjoni. Hu rrefera ghal klawzola numru wiehed (1) u hamsa (5) tal-iskrittura li permezz taghha l-attur u Alfred Camilleri taw prokura lill-ommhom:-

*"(1) To administer my/our property movable and immovable in the most ample and unlimited manner.*

*omissis*

*(5) to effect any transfer (sale, barter or exchange, long-lease, 'datio in solutum' etc), of movable and immovable property belonging to me/us for such sale price or consideration and under those terms and conditions which my/our said attorney may deem proper, as well as ......."*.

Il-mandat li nghata lil Loreta Camilleri hu sabiex twettaq l-affarijiet li jissemmew fil-kitba privata il-konvenut u Alfred Camilleri.

Fil-fehma tal-qorti l-poter ta' amministrazzjoni ta' gid il-mandant, ma tista' qatt tfisser l-jedd ta' trasferiment ta' proprjeta'. Il-paragun li ghamel il-konvenut mad-disposizzjonijiet dwar il-komunjoni tal-akkwisti, m'hijiex rilevanti. L-atti ta' amministrazzjoni huma dawk l-atti ta' amministrazzjoni ordinarja, filwaqt li l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja huma dawk l-atti li jkunu

ssemmew espressament fil-mandat, bhal ma hu l-bejgh jew l-iskrizzjoni ta’ ipoteka fuq fond. Kieku l-argument tal-konvenut hu floku, ma kienx ikun hemm skop li fil-kitba privata jigu elenkati l-poteri li nghatat il-mandatarja.

Ghal dik li hi l-klawzola numru hamsa (5) fil-prokura, il-qorti temmen li t-trasferiment b’donazzjoni ta’ mobbli u immobbli, m’hijiex inkluza. Ghalkemm il-kliem ***“any transfer”*** jista’ jatik x’tifhem li jkopri trasferimenti oneruzi u gratuwiti, madankollu:-

(a) L-ezempji li jissemmew (*sale, barter or exchange, long-lease, datio in solutum etc*), huma kollha trasferimenti oneruzi. Meta fl-iskrittura jinghad “etc”, cjoe’ u ohrajn, ifisser negozji guridici tal-generu diga’ enuncjat. Dan b’applikazzjoni tal-principju ta’ *ejusdem generis*;
(b) Il-kliem *“such sale price or consideration”*, ma jatux lill-qorti x’tifhem li jinkludu trasferimenti fejn hemm biss liberalita’ min-naha tad-donant.

4. Jigi rilevat ukoll li l-avukat Anton Refalo xehed: *“Il-ftehim li kien hemm bejniethom, u dan sar kollu bil-konnoxxenza t’ommhom u bl-approvazzjoni t’ommhom, kien illi, jekk niftakar tajjeb dejjem, illi* ***Victor Camilleri jiehu l-post fejn kien joqghod, jekk m’inhiex sejjer zbaljat dan il-post huwa qrib ferm il-kazin tal-Labour, l-ohrajn jiehdu xi post iehor****, u din il-prokura kellha ukoll isservi biex jinqalbu xi vetturi.”* (fol. 74). Mistoqsi jekk il-prokura kellha tintuza ghal skopijiet ta’ qasma u mhux donazzjoni, wiegeb:-*“Din il-prokura kellha tintuza biex b’xi mod issir il-mod kif issir il-qasma ta’ bejniethom.”* (fol. 76). Fil-prattika kemm-il darba tiltaqa’ ma’ kazijiet fejn tigi ffirmata prokura, bhal dik li ffirma l-attur u huh Alfred, meta fir-realta’ il-mandant ikun irid jaghti lill-persuna ohra s-setgha li taghmel haga determinata. Fil-fehma tal-qorti meta avukat, nutar, prokuratur legali jew haddiehor jigi nkarigat sabiex jipprepara d-dokument li permezz tieghu jinghata l-mandat, ghandu jizgura x’inhu l-iskop li ghalih qeghda ssir dik il-kitba. Fejn jirrizulta li l-mandat hu ghal haga determinata, ghandu jispecifika dik il-haga fid-dokument u mhux sempliciment jimla d-dettalji tal-persuni

fuq l-*istandard form* u jitlob lill-mandant jiffirma d-dokument. Mill-provi rrizulta bl-iktar mod car li ghalkemm l-attur ried jaghti mandat lill-ommu biex tagixxi f’ismu, qatt ma kellu l-intenzjoni li jaghti s-setgha li taghmel dawk l-affarijiet kollha li jissemmew fid-dokument. Hawnhekk tohrog ir-responsabbilta’ ta’ min bhall-attur iffirma d-dokument li bih jaghti prokura. F’dan ir-rigward in-nuqqas tal-attur hu evidenti meta ffirma dokument minghajr ma ta kaz x’kien qieghed jiffirma. Min-naha l-ohra l-qorti ma temminx lill-attur meta qal: *“Jiena nikkonferma li meta jien iffirmajt id-dokument din kienet karta blank. Kienet karta wahda A4 size.”* (fol. 198). Kliem li hu differenti minn dak li qal fl-affidavit: *“....Dr. Refalo ta lili u lil ija Alfred it-tielet pagna tal-porkura li diga’ giet ezebita flimkien mac-citazzjoni bhala Dok. ‘B’.”* (fol. 35).

Irrizulta wkoll, mix-xhieda li nghatat mill-ahwa li jghixu fl-esteru, li talli jakkwista s-sehem tal-ahwa fil-fond 76, Triq il-Knisja, Xaghra, il-konvenut kellu jirrinunzja ghal kwalsiasi dritt li seta’ kellu fir-rigward tal-wirt ta’ missierhom li kien diga’ miet (George Camilleri) u ta’ ommhom (Loreta Camilleri) li kienet ghadha hajja. F’dan ir-rigward issir per ezempju riferenza ghax-xhieda ta’ Josephine Camilleri (fol. 168), Maria Assunta Bondin (fol. 157), George Camilleri (fol. 161) u Judith Camilleri (fol. 166). Sahansitra, il-konvenut stess xehed li: *“jien l-ewwel wiehed illi hadt xi haga konkreta mill-wirt t’ommi,* ***jien kont minn jeddi wieghedt lil huti illi jiena ma rrid xejn aktar mill-wirt t’ommi u missieri u s-sehem tieghi mill-patrimonju li jibqa’ jistghu jaqsmuh bejniethom.****”* (fol. 94). Fis-seduta tas-16 ta’ April 2009 xehed: *“Jien nikkonferma li ma’ huti ta’ barra minn Malta kont ghidtilhom li jekk jien niehu sehemhom mill-fond ta’ Church Street mill-wirt tal-papa’ jiena ma kont nippretendi xejn aktar mill-wirt ta’ missieri.”* (fol. 201). Kliem li verament jaghti lill-qorti x’tifhem li kien hemm qbil li l-ahwa jittrasferixxu lill-konvenut is-sehem li seta’ kellhom fil-fond 74, Triq il-Knisja, Xaghra, bil-kundizzjoni li min-naha tieghu kellu jirrinunzja ghall-wirt ta’ missieru u ma jircievi xejn mill-wirt ta’ ommhom. Hu evidenti li t-trasferiment ma kellux ikun semplici att ta’ liberalita’ favur il-konvenut, ghalkemm fil-kuntratt tad-19 ta’ Frar 1996 ma jissemma

xejn f'dan is-sens. Fir-rigward tal-wirt tal-omm, il-qorti qeghda taghmilha cara li ftehim simili ma jfissirx li kien ikun validu gialadarba l-Artikolu 984 tal-Kodici Civili jipprovdi espressament li *"hadd ma jista' jirrinunzja ghal successjoni illi tkun ghadha ma nfethitx, jew jaghmel ftehim fuqha...."*. Madankollu, xorta fir-realta' jirrizulta li:-

a. Loreta Camilleri halliet lill-konvenut bhala werriet taghha.
b. Il-konvenut ma rrinunzjax ghall-wirt ta' missieru. Tant u hekk li b'kuntratt li sar fil-11 ta' Awwissu 2006 fl-atti tan-nutar Dr Enzo Dimech (fol. 193) ittrasferixxa lill-ohtu Maria Anna sive Miriam Sacco, sehem ta' 1/12 mill-fond 116 u 117, Triq Bullara, Xaghra, Ghawdex. Fil-parti tal-provenjenza jinghad li kien wiret is-sehem li ttrasferixxa lill-ohtu minghand il-genituri tieghu George u Loreta konjugi Camilleri. Kuntratt li hu prova inekwivokabbli li l-konvenut ma kienx irrinunzja ghall-wirt ta' missieru.

Ghalhekk il-qorti tikkonkludi li l-ftehim ma kienx li ssir semplici att ta' donazzjoni, fejn l-element tal-*animus donandi* hu necessarju. Bla dubju f'dan ir-rigward l-omm ghamlet xi haga barra mil-limiti tas-setghat li nghatat, fis-sens li qatt ma kellha taghmel ghan-nom tal-attur u huh, att ta' semplici liberalita'.

Inoltre, ma tressqux provi li l-konvenut jew Alfred Camilleri, kienu rratifikaw (espressament jew tacitament) l-eghmil ta' ommhom. Dan fis-sens li l-qorti ma tikkunsidrax li mill-provi rrizulta b'mod car u univoku l-volonta' tal-mandant li jaghmel tieghu l-att li ommu ghamlet f'ismu; *"la ratifica consiste in una manifestazione di volonta' del dominus diretta ad approvare l'operato dei rappresentante o del mandatario, per la quale non sono richieste formule sacramentali, occorrendo pero' che* ***la volonta' di fare propri gli effetti del negozio gia' concluso sia manifestata in modo chiaro ed inequivoco,*** *non necessariamente per iscritto (ove tale forma non sia richiesta per l'atto compiuto del rappresentante), ma anche con atti o fatti che implichino necessariamente la volonta' di far proprio il contratto e i*

*suoi effetti: puo' dunque essere anche tacita, ma sempre a condizione che dal contegno del doinus o del mandante risulti in mod univoco la volonta di rendere efficace il negozio."* (Cass. Civ., Sez I, 8.4.04). Il-fatt li l-konvenut, flimkien mal-familja, dahal ighix fil-fond ma jfissirx li l-qorti tista' tikkonkludi li kien hemm xi ratifika min-naha tal-awtur u huh.

5. Permezz tat-tieni talba l-attur qieghed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt in kwantu jirreferi ghas-sehem komplessiv ta' zewg partijiet minn tnax (2/12) spettanti lill-attur u lil Alfred Camilleri mill-fond in kwistjoni. L-Artikolu 1212 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni."*.

Rajna li l-mandant m'ghandu l-ebda obbligu meta l-mandatarju jkun ghamel xi haga barra mil-limiti tieghu (Artikolu 1880 tal-Kodici Civili).

Ir-riferenza li ghamel l-attur ghas-sentenza **Avv. Dr Enrico C. Vassallo nomine vs Giuseppe Ebejer et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Marzu 1936 (Volum XXIX.iii.245) tidher li hi flokha. Il-qorti kkonfermat li fejn il-mandatarju jkun ecceda l-limiti tal-mandat, il-mandant m'huwiex obbligat u m'huwiex kaz ta' rexxissjoni; ***"Anzi peress illi n-nullita' hija assoluta, u l-att huwa totalment inezistenti****, il-mandant jista' jiddiskonoxxi dak l-att u lanqas jagixxi bl-azzjoni tan-nullita', ammenokke', bhal dan il-kaz, ma jkollux interess illi l-mandatarju jkun kundannat ghall-effetti tan-nullita'; u f'dan il-kaz l-azzjoni tan-nullita' hija diretta mhux biex il-Qorti tiddikjara illi dak il-bejgh jigi annullat, imma biex tiddikjara, ossija tikkonstatata, illi* ***dak l-att huwa totalment inezistenti u null di fronti ghall-mandant ab initio, u qatt ma ezista.*** *U ghalhekk ma jistax jezisti qatt di fronti ghall-kontraent l-*

*iehor, anki jekk dana kien in buona fede, ghaliex quod nullum est nullum producit effectum.”*[1].

Fil-fehma tal-qorti f’kazijiet simili r-rexxissjoni m’hijiex flokha, in kwantu l-ligi stess tipprovdi li dak li jaghmel il-mandatarju in eccess tas-setghat li jkun inghata, ma jobbligax lill-mandant.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ l-ewwel talba tal-attur fis-sens li l-kuntratt ta’ donazzjoni li sar fid-19 ta’ Frar 1996 fl-atti tan-nutar Paul George Pisani ben Loreta Camilleri u l-konvenut, in kwantu jirreferi ghal kwalsiasi sehem (mhux iktar minn 1/12[2]) li l-attur u huh Alfred Camilleri seta’ kellhom fil-fond 76, Triq il-Knisja, Xaghra huwa null u minghajr effett fil-konfront tal-attur. Tichad it-tieni u t-tielet talba.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut, b’dan li l-ispejjez tat-tieni u tielet talba huma a karigu tal-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef T. Mallia) fil-kawza **Raymond Caruana nomine vs Il-Ministru tal-Ambjent et** deciza fis-7 ta’ Lulju 2004.

[2] 1/24 + 1/24, in kwantu rrizulta li l-fond kien parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn George u Loreta konjugi Camilleri.